# Piano

## kummenti, ilmenti u kumplimenti

Il-proposta tal-Perit Renzo Piano għad-daħla tal-Belt Valletta ngħatat ħafna pubbliċità f'dawn l-aħħar jiem. Minflok nerġgħu nżidu ma' li diġà sar, għażilna li nieħdu l-kummenti ta' nies li jaħdmu jew jgħixu l-Belt u ta' dawk li għandhom interess fil-proġett.



### Ministru Austin Gatt



"Ilna 60 sena niddiskutu x'għandu jiġri fid-daħla tal-Belt. Qatt ma kien hawn xi qbil unanimu x'għandu jiġri u ma nistennewx li jkun hawn issa jew wara li jinbena. Smajna lil kulħadd u l-Perit Piano assorba dak li ilu jingħad u l-esperjenza tiegħu ta' 25 sena ilu. Fl-istess ħin ħallejna lil min jifhem u min għandu esperjenza dinjija jiggwidana. Inutli ġġib bennej id-dar biex toqgħod tgħidlu int kif iqiegħed il-ġebel.

"Kieku kellna nisimgħu minn kulħadd u nippruvaw nissodisfaw ix-xewqat ta' kulħadd kien ikollna replika tal-bini ta' Barry li jkun bini oriġinali li jintuża għall-opra, bħala librerija, ħwienet, teatru, parkeġġ, Parlament, sala tal-wirjiet, mużew tal-arti kontemporanja, mibni fuq stil barokk, neo-klassiku u modern, li jużа l-ġebla Maltija u materjali moderni. Kien ikollna kawlata li tipprova togħġob lil kulħadd u tispiċċa ma togħġob lil ħadd.

"Konsultazzjoni ta' 60 sena hi biżżejjed. Issa żmien id-deċiżjonijiet."

### Vince Farrugia



***Direttur-Ġenerali, Kamra Maltija għall-Intrapriża Żgħira u Medja (GRTU)***

Mingħajr ma nidħlu fil-mertu tad-disinn, l-opinjonijiet tagħna diġà esprimejnihom li fid-daħla tal-Belt ikun hemm daħla mhix l-ikbar idea brillanti.

Il-Parlament ġeneralment mhux l-iktar ħaġa attraenti u hu aktar post fejn ikun hemm ħafna sigurtà u ġeneralment aktar ibiegħed in-nies.

Iżda l-aktar ħaġa kruċjali għalina hi li biex isir dan il-proġett irid jonqos l-ispazju għall-parkeġġ.

Diġa' tara kif fil-Belt, bil-proġetti li għaddejjin fosthom fi Pjazza San Ġorġ, diġà naqas il-livell ta' parkeġġ li jeżisti l-Belt fil-preżent.

Issa jekk iċ-ċentru kummerċjali tal-Belt ma jkollux provvista ta' spazji ta' parkeġġ se jbati ħafna, speċjalment f'ċerti ħinijiet tal-ġurnata.

Int tifhem li jekk ikun hemm kullimkien bil-pavimentar hu ta' vantaġġ għat-turist li jkun ġej bil-cruise liners, imma għall-Maltin li jinqdew bis-servizzi bħall-Qorti u ristoranti, dan hu ta' żvantaġġ kbir.

Il-proġett tal-Park and Ride jaqdi ċerti kategoriji ta' nies, u l-proġett tal-ipparkjar fil-Furjana itaffi xi ftit mit-talba imma ma jaqdix it-talba kollha.

Issa bil-proġett ta' Renzo Piano se jitnaqqsu sostanzjalment aktar il-postijiet tal-parkeġġ. Għandek il-wesgħa tat-Teatru Rjal, għandek il-wesgħa ta' Pjazza Ħelsien u għandek ukoll il-wesgħa tal-Foss ta' San Ġakbu li s'issa kienu jintużaw bħala parkeġġ, li se jgħibu.

Għalkemm Piano qal li anke sema' lill-ġebel tat-Teatru l-Imwaqqa', però lin-negozjanti li qed jinvestu l-miljuni fil-Belt – li jirrappreżentaw mijiet u mijiet ta' impjiegi – ħadd ma tkellem magħhom.

Jien nista' niċċertifika li aħna bħala GRTU u l-komunità tan-negozju fil-Belt, ma kien hemm l-ebda ħjiel ta' diskussjoni dwar x'postijiet alternattivi ta' parkeġġ ħa jkun hemm wara li bil-proġett ta' Piano jinqatgħu dawk il-postijiet ta' parkeġġ kollha.

X'ġara minn dawk l-eluf ta' liri li tħallsu għand il-MEPA minn kull stabbiliment kummerċjali li nbena fil-Belt biex isiru spazji ta' parkeġġ fil-komunità?

Issa jekk ħallast biex ikolli l-parkeġġ fil-Belt, kif issa l-parkeġġ minn ġol-Belt trid tneħħih u ma tagħtinix sodisfazzjon almenu x'alternattivi ser tagħtini?

Barra minn hekk, hemm ukoll għadd ta' stabbilimenti li bħalissa jinsabu fi Pjazza Ħelsien li ser jiġu evakwati l'barra.

Sal-lum, il-Gvern dejjem mexa mal-prinċipju li inti għandek post ċentrali, post tan-negozju, post li jħaddem in-nies ħa jiġu magħluq għal esiġenzi pubbliċi, irid jipprovdilu alternattiva.

Il-Gvern din id-darba se jkompli jimxi ma' dan il-prinċipju, speċjalment meta l-pajjiż jinsab għaddej minn riċessjoni ekonomika u kull impjieg jeħtieg li jkun salvat?

Qabel ma jibda l-proġett, irridu npoġġu bilqiegħda u naħsbu f'dawn.

## David Agius

*Membru Parlamentari u whip Nazzjonalista*



"Bħala binja tal-Parlament hi xi ħaġa importanti li dan se jkun fid-daħla tal-Belt. Dan il-pass se jgħolli l-immaġini tal-Parlament u se nkunu bħal f'pajjiżi oħra fosthom l-Istati Uniti, l-Ingilterra u l-Greċja li l-Parlament ikun fid-daħla tal-belt kapitali. Hi xi ħaġa pożittiva għall-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż u għad-demokrazija.

"Se jkun hemm problema waqt it-teħid tal-voti. Bħalissa s-sistema hi li x'ħin jgħajtu vot ikollna 20 minuta biex inkunu fejn inkunu f'Malta aħna d-deputati mmorru ġirja waħda l-Parlament, nipparkjaw quddiemu u nitilgħu nivvutaw. Bil-Parlament il-ġdid dan mhux se jkun possibbli peress li mhux se jkun hemm parkeġġ quddiem il-Parlament. Għandna sentejn mingħajr elezzjoni u għandna nużaw dan iż-żmien biex insibu formula tajba dwar il-ħin tal-vot.

"Dwar it-teatru mikxuf naħseb li teknikament anke biex ikollok orkestra, irid ikun hemm xi tip ta' saqaf. Anke minħabba n-nida li tinżel fuq l-apparat. Fis-sajf mhix problema għax hi xi ħaġa sabiħa li wieħed igawdi l-ġmiel ta' temp Malti. Iżda fix-xitwa problema. Il-pjan tat-teatru kif inhu s'issa diġà sabiħ li sab bilanċ bejn l-antik u l-modern imma naħseb li b'mod mekkaniku, għandu jinħoloq saqaf trasparenti. Dan għandu jsir mingħajr ma nħarbtu l-istruttura eżistenti tal-ġebel."

## Jean Paul Mifsud



"Il-mod kif ippreżenta l-pjanti kien intelliġenti għax ipprova jikkuntenta lil kulħadd. Dwar it-teatru naħseb li se jsibu soluzzjonijiet biex isolvu l-problemi ta' sound, elementi u raġunijiet oħra li tqajmu f'dawn l-aħħar ġranet. Minbarra li jien nostalġiku kuntent li se jżommu mill-fdalijiet ta' Barry biex għada pitgħada jerġa' jinbena.

"Dwar il-Parlament, il-bini ma rajtux. Imma ma naħsibx li postu hemm u dwar Bieb il-Belt inħoss li hu kunċett interessanti li at face value għoġobni.

"Personali ma taffettwanix għax ma nsuqx u personalment togħġobni mingħajr karozzi imma ovvjament min qed jinkwieta dwar il-parkeġġ għandu raġun kemm mil-lat kummerċjali u anki mir-residenti li joqogħdu fl-inħawi."

## Hector Bruno

*Resident u eks Sindku tal-Belt*



"Naqbel mal-proġett kif inhu propost. Jirrispetta l-istorja tal-Belt u addattat għaż-żmien tal-llum. Hi xi ħaġa maġika u tagħti ħajja ġdida lill-Belt.

"Però għandi d-dubji tiegħi dwar il-kunċett ta' teatru miftuħ. Għandna nistaqsu: hemm soluzzjoni għal meta tkun xita, fosthom saqaf li jintrama u jerġa' jiżżarma? Idealment ikun saqaf trasparenti. B'dan il-mod il-proġett ikun komplut.

"Il-mod kif se jsir it-teatru hi xi ħaġa li ili noħlomha. Meta jien kont Sindku tal-Belt kien hemm min issuġġerixxa li t-teatru jkun ċentru kummerċjali bil-ħwienet. Kont għamilt referendum fost in-nies tal-Belt. Il-maġġoranza kienu kontra li jsir ċentru kummerċjali."

## John Delia

Xi ħaġa trid issir u xi skumdità tkun inevitabbli iżda meta tgħodd li aħna u nies bħalna ngħixu minn dan ix-xogħol ma jistax ikun li jdum iżżejjed. Min ikollu jagħlaq biex isir ix-xogħol kemm jiflaq jibqa' magħluq? Min se jpattilu għat-telf li jsofri? Kollox jiddependi kif isir ix-xogħol. Barra minn Malta rajna jsiru xogħolijiet fl-iżjed ibliet iffullati waqt li l-kummerċ jibqa' għaddej. Nittama li nkunu kapaċi nagħmlu bħalhom.

Iħassibni l-fatt li se jintilfu mal-2000 parkeġġ mill-pjazza u mill-foss. Il-parkeġġi tal-Park & Ride u tal-MC it-tnejn tajba iżda diġà qed ikunu mimlija. Min se juża dan il-ġnien fil foss li tarah biss minn fuq il-pont u meta ġonna bħall-Barakka ftit jiġbdu nies?

## It-Tenur Joseph Calleja



"Jien m'iniex xi espert fl-arkitettura iżda stajt nara l-pjanti fuq l-internet u jidhru sbieħ. Dwar il-fdalijiet tat-Teatru Rjal ninsab bejn ħaltejn. Żgur li hi xi ħaġa tajba li s-sit se jinżamm biex jintuża b'mod kulturali imma gżiritna se terġa' titħalla mingħajr teatru proprju, modern u mgħammar b'kollox. L-appell tiegħi lill-awtoritajiet u lil Renzo Piano hu li jagħtu lil gżiritna ċ-ċentru nazzjonali għall-arti performattiva li ħaqqha."

## Laurence Zerafa

*Malta Library and Information Association (MaLIA)*

"Nistaqsi mistoqsija: Għaliex il-Librerija Pubblika, li tniżżlet fil-pjanti ta' Piano nhar it-Tnejn 22 ta' Ġunju, inbidlet f'mużew sas-Sibt 28 ta' Ġunju? Għaliex din il-bidla f'daqqa? Minn hemm wara din il-bidla meta Piano nnifsu qal li għandu intenzjonijiet għal librerija pubblika?

"MaLIA tħoss li d-daħla tal-Belt hi l-post ideali għal-librerija pubblika ewlenija tal-gżira li bħalissa tinsab fil-Floriana, post li ħafna nies iqisuh wieħed li ma jintlaħaqx faċilment, inkluż minn MaLIA. Ħafna mil-libreriji pubbliċi fi bliet Ewropej jinsabu f'post ċentrali, prominenti u aċċessibbli.

"Jekk m'hemmx biżżejjed spazju għal librerija u mużew fl-istess post, MaLIA tħoss li s-servizz ta' librerija jieħu preċedenza minn dak ta' mużew. Stħarriġ juri li kull sezzjoni tal-pubbliku, minn tfal tal-iskola sa pensjonanti, jippreferu li jkollhom librerija pubblika f'post ċentrali. Din il-librerija tagħti benefiċċju akbar minn mużew.

"Minbarra li l-Palazz tal-Parlament li hemm bħalissa se jinbidel f'mużew. Ma jistax jinstablu post hemm il-Mużew għall-Iżvilupp Storiku u Politiku?

"Jekk Piano hu favur ta' librerija pubblika f'dan il-post importanti, m'għandux il-pubbliku ġenerali, inkluż il-grupp li ngħaqad mat-tilwima li ħarġu b'din l-idea u rreklamawha, jistenna li jara librerija pubblika kif kien suġġeriet oriġinarjament?"

Għal aktar tagħrif żur www.malia-malta.org





## Carmel Cacopardo

*Kelliem Ewlieni tal-AD dwar l-iżvilupp sostenibbli u perit*



**L-argumenti kollha li qed jingħadu bħalissa mhumiex rifless daqstant fuq dak li qed jippoponi Piano imma fuq l-inkarigu li ngħata Piano. Għaliex fuq kull parti tal-proġett li qed jipproponi Piano hemm argumenti favur u kontra, mhux daqstant fuq id-disinn iżda dwar x'jista' jsir u ma jsirx f'dik il-parti partikolari tal-Belt.**

Hemm affarijet oħra pożittivi ħafna fil-progett ta' Piano imma ma kienx hemm l-intenzjoni speċifika li jsiru hekk … prattikament qed tattakka d-dħul tat-traffiku fil-Belt.

L-istess Triq in-Nofsinhar, u anki l-pjazza nnfisha, li fiha nnfisha se ssir il-bini tal-Parlament, hi pjazza li kienet qed tieħu wkoll ammont sostanzjali ta' parkeġġ.

Dan ifisser li waħda mill-proposti li qed jagħmel Piano, u mhiex proposta li qed toħroġ mill-inkarigu tiegħu, hu li l-Belt għandha tkun Belt li fiha jidħlu ħafna inqas karozzi.

Din hija proposta li tiffittja ħafna fil-programm politiku ta' AD u wieħed irid jinkwadrah ukoll fil-kuntest tar-riforma, li issa għandha tkun aċċellerata wkoll, tat-trasport pubbliku kif ukoll tal-possibbiltà li jintużaw mezzi alternattivi ta' trasport."



## Astrid Vella

*Flimkien Għall-Ambjent Aħjar*



**"FAA tapprezza li l-Gvern qiegħed jagħti daqstant importanza lill-ħtiġijiet tal-Belt. Hemm ħafna xi tfaħħar f'numru ta' proposti fil-pjani ta' Piano li jidhru li huma maħsuba sewwa. Imma proġett daqstant kumpless jitlob studju bir-reqqa u mhux kummenti superfiċjali. Allura l-Kumitat se joħroġ il-konklużjonijiet tiegħu malli jikkonsulta sew ma' professjonisti fil-qasam?**

"Wara kollox Piano ilu jaħdem fuq dan il-proġett għal aktar minn tliet snin u dan jitlob apprezzament serju dwar xogħlu. Proġett li fuqu tiddependi kif id-daħla tal-Belt Valletta għandha tkun jitlob konsultazzjoni pubblika sħiħa, speċjalment meta wieħed iqis li dan id-diskors ilu wieqaf għal aktar minn 20 sena."

## Normanin Darmanin Demajo

*Eks plejer ta' Valletta FC*
*Eks teżorier MFA*



"Is-sensazzjoni ġenerali li ħadt meta rajt il-pjanti kienet waħda tajba. Għalija kienet idea tajba ħafna. Kienet idea tajba ħafna bħala teatru miftuħ. Dak li drajna jibqa' kif inhu, jibqa' miftuħ u naħseb li hemm bżonn li jkun miftuħ.

"Ħadt pjaċir li d-daħla tal-Belt se jneħħuha għax qatt ma għoġbitni. M'iniex ċert però dwar il-bini tal-Parlament. Għadni ma nistax nimmaġinah f'moħħi. Ma naħsibx li nagħmel sew li nikkummenta fuqu f'dan l-istat."

## Owen Bonnici

*Kelliem għall-Kultura PL*



"Qabel xejn irrid nirrimarka d-diżappunt kbir tiegħi li l-Oppożizzjoni mkien ma kienet involuta f'ebda stadju — lanqas fil-fażi l-iktar inizjali — dwar dan il-proġett. Ngħid għalija sirt naf bit-tnedija tal-proġett mill-gazzetti u sirt naf li l-perit bravu Renzo Piano kien se jingħata l-inkarigu tiegħu mill-gazzetti u sirt naf x'ġie konkluż mill-gazzetti wkoll.

F'ebda mument la jien u lanqas sħabi tal-Oppożizzjoni ma konna involuti. Dan meta hawnhekk qed nitkellmu fuq proġett ta'€80 miljun li għalkemm il-Prim Ministru għamel time frame ta' erba' snin, jista' jkun li ma jkunx lest f'leġiżlatura waħda u allura — peress li aħna ngħixu f'demokrazija — hemm il-possibbiltà li jitkompla taħt amministrazzjoni differenti.

Nifhem ukoll li lanqas in-nies involuti fl-arti, fid-disinn u fil-kultura ma kienu involuti. Fit-taħdita li kelli ma' Piano, li hu simpatiċissimu u ta' karizma kbira, wara li ġew approvati l-pjanti finali u ftit sigħat biss qabel it-tnedija grandjuża fi Triq ir-Repubblika, semma li kien hemm ping-pong bejn il-Gvern u hu fis-sens li kien hemm proċess sħiħ ta' taħditiet, proposti u tibdil tal-pjanti sa ma mmaturaw l-aħħar pjanti. Gvern għaqli kien jagħmel time-frame qasir ta' ngħidu aħna tliet xhur, li fih l-Oppożizzjoni u l-esperti ta' pajjiżna fil-kultura, arti, periti, eċċ setgħu għallinqas jipparteċipaw f'dan il-ping-pong.

Biss nemmen li issa li dan il-proġett ġie varat ma nistgħux inħarsu lura u naraw x'seta' sar differenti u x'ideat alternattivi setgħu ġew implimentati.

Għandna nħarsu 'l quddiem biex dan il-proġett isir. Anzi għandna naċċertaw li jsir tajjeb fis-sens li naraw li jitlesta fiż-żmien li poġġa quddiem il-pajjiż il-Prim Ministru, fil-konfini tal-baġit li ssemma. Dan anki b'rispett tan-nies li qed isibu diffikultajiet finanzjarji minħabba r-riċessjoni li għaddejjin minnha. B'hekk naraw li ma jiġux ripetuti l-istejjer ta' dewmien u xogħol li ma jsirx sewwa bħalma ġara fil-każ tal-Mater Dei.

Il-Gvern se jsib appoġġ min-naħa tagħna anke jekk ma kkonsultaniex biex dan il-proġett, li missu ilu li sar u li ilu s-snin jitwiegħed, isir. Biss aħna se nkunu viġilanti biex dan il-proġett isir f'ħinu, bil-baġits li ssemmew u b'mod li jagħmel ġieħ lill-Belt.

→



## Carlos Farrugia
*Resident Belti u attur*

"Kumbinazzjoni l-pjanti lbieraħ mort narahom. Mhux li mort infittex id-dettal. Bħala daħla qbilt magħha li ssir hekk għax issa estensjoni tas-swar. Ippretendejt li nsib xi ħaġ'oħra imma għoġbitni.

"Il-Parlament sabiħ u modern imma rajtu wisq modern biex jaqbel mal-bqija tal-Belt. Rajtu jistona daqsxejn bħala bini. Fuq dak għandi dubju. Jista' jkun li meta jarah jogħġobni imma għalissa hekk biss nista' ngħid. Lanqas ma naqbel li qed isir fid-daħla. Ma nafx, kieku setgħu għamlu monument. Għandna belt imsemmija għal La Valette u m'għandniex monument tiegħu.

"It-teatru naqbel li jibqa' teatru biex kull min hu involut fl-arti performattiva bħali jkollu aktar postijiet disponibbli għax fir-realtà m'hawnx. Għoġobni wkoll il-fatt li jibqa' miftuħ għalkemm mhux se jkun prattiku. Dan l-aktar li se jintuża hu fis-sajf sakemm ma ssirx xi forma ta' tinda.

"Is-sajf li għadda għamilt xi ħaġa barra u meta taħdem fih tinduna x'inhuma l-problemi. Fis-sajf għandek bombi, murtali u anki ħsejjes tal-ajruplani li jaffettwaw. Il-bombi jibdew mis-6pm u jtellfu ħafna.

"Il-Belt diġà hemm problema ta' parkeġġ. Ma rajtx tibdil mindu qlibna għas-sistema l-ġdida, jekk ma morniex għall-agħar. Filgħodijiet sar ikun hawn ħafna aktar konġestjoni tat-traffiku peress li għalqu ċerti toroq. Jien togħġobni li kif tidħol fil-Belt ma ssibx parkeġġ u li l-Yellow Garage isir ġnien imma se jaffettwa ħafna l-parkeġġ.

"Nixtieq li ssir xi ħaġa n-naħa ta' isfel fil-Belt mhux dejjem jiffukaw kollox fin-naħa ta' fuq. Anki l-Parlament tela' n-naħa ta' fuq. Hemm ħafna postijiet li jistgħu jużawhom aħjar li qegħdin 'l isfel biex ikun hemm aktar attività."

## Martin Galea
*President, Din l-Art Ħelwa*



"Ġeneralment aħna favur il-proġett ta' Renzo Piano. Fuq il-bini tat-teatru ovvjament Piano kien sensittiv. Hemm xi kwistjonijiet li rridu narawhom, bħal, ngħidu aħna, għaliex it-teatru ma jistax jintuża s-sena kollha. Madankollu fl-aħħar mill-aħħar, naqblu mas-suġġeriment li jkun miftuħ.

"Dwar il-bini tal-Parlament naħseb li ma jistonax ħafna mal-bqija tal-Belt minkejja li huwa modern kif disinjat minn Piano. Għad irridu nistudjaw ftit aktar l-effett li se jkollu l-għoli tal-bini meta tarah minn barra l-Belt, jiġifieri minn wara s-sur. Dik kwistjoni li rridu narawha u nistudjawha iktar.

"Dwar l-użu tad-foss bħala ġnien u l-pjazza ż-żgħira ħdejn il-Knisja ta' Santa Katerina naqblu magħhom ukoll. L-idea li ċċekken il-pont biex tieħu l-impressjoni li se tidħol ġo belt fortifikata naqblu magħha ukoll.

L-aktar punt li jħassibna huwa l-għoli tal-bini tal-Paralment. Aħna bħala Din l-Art Ħelwa għamilna r-rappreżentazzjonijiet tagħna lil Piano u naraw kif se jarah hu. Aħna għidnielu trid tistudjah iktar jekk jesporġi wisq maġenb il-Kavallier u jekk nistgħux nagħmlu xi ħaġa li almenu ntaffu din il-problema."

## Martin Aquilina
*Sid tal-ħanut tal-ġugarelli Handkrafts*

"Aħna tal-ħwienet ħadd ma ġie konsultat. Qajjimna dan il-punt anke waqt laqgħa li kellna mall-GRTU nhar il-Ħamis. Lanqas il-ħwienet li hemm taħt il-loġoġ u li se jitkeċċew ma ġew konsultati. Dawn saru jafu għax il-Gvern bagħtilhom draftsman u qallhom li se jkollhom jiċċaqalqu. Sirna qisni taħt Mussolini."

"Il-proġett minnu nnifsu xi ħaġa tajba. Wasal iż-żmien li jsir xi ħaġa għax bħalissa kulħadd jarmi fit-teatru. Iżda sakemm isir il-proġett m'għandi l-ebda dubbju li tal-ħwienet f'din iż-żona se mmutu bil-ġuħ. Wara l-proġett nirnexxu jew le skont kif il-Gvern se jimmaniġġja t-traffiku. Jekk il-Belt kollha se tiġi mingħajr karozzi l-Belt tispiċċa belt siekta oħra bħal Imdina."

## Chrysander Agius
*Attur*

"Għoġobni l-fatt li se jkun hemm teatru miftuħ. Jagħmel sens għax l-attivitajiet li jsiru l-Belt fil-beraħ jistgħu jibdew isiru fih. Jien ħdimt fit-Teatru Rjal u fih feel sabiħa ħafna.

"Id-daħla ta' Bieb il-Belt tidher li ġejja sabiħa ħafna. Tiħdok lura fiż-żmien.

Però għandi dubji kbar fuq il-kumplament tal-proġett. Ma naqbilx li l-Parlament isir Pjazza Ħelsien. U x'se jiġri mill-Karnival? Se jimxi għall-Floriana? Almenu jekk se tirrovina pjazza tirrovinahiex bil-Parlament."

## Ray Spiteri
*Perit*

"Il-bieb proprja naħseb li hu kompromess minħabba l-ħafna interessi bħall-Karnival, eċċ. Il-pont jogħġobni kif propost. Naħseb li l-Parlament tfassal b'aktar dettall minħabba l-polemika li nqalgħet waqt li għat-teatru qegħdin jintefqu ftit flus issa bil-ħsieb li jsir proġett akbar iżjed tard. It-tneħħija tat-triq minn fuq Bieb il-Belt iddum ftit ma tindara u għadni m'iniex konvint li l-alternattivi għat-traffiku jkunux sodisfaċenti.

